# Il-Ġurnal Uffiċjali C 157
## tal-Unjoni Ewropea

Volum 62

Edizzjoni bil-Malti — Informazzjoni u Avviżi — 8 ta' Mejju 2019


Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2019/C 157/01 — Avviż tal-Kummissjoni dwar il-gwida għall-akkwist kooperattiv fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà (id-Direttiva dwar l-Akkwisti fl-Oqsma tad-Difiża u tas-Sigurtà 2009/81/KE) [1] ............ 1

2019/C 157/02 — Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9340 — Alliance Automotive Group/Parts Point Group) [1] ............ 10


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2019/C 157/03 — Rata tal-kambju tal-euro ............ 11

2019/C 157/04 — In-noti ta' spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ............ 12


MT

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2019/C 157/05 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9364 — Stoa/InfraVia II Invest/SBI Crypto Investment/Tiger Infrastructure Europe/Etix Group) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata [1] ..... 13

2019/C 157/06 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9375 — Clearlake/Insight/Appriss) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata [1] ..... 15


(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż tal-Kummissjoni dwar il-gwida għall-akkwist kooperattiv fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà (id-Direttiva dwar l-Akkwisti fl-Oqsma tad-Difiża u tas-Sigurtà 2009/81/KE)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 157/01)

### 1. INTRODUZZJONI

F'dawn l-aħħar ftit snin, l-importanza tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża, inkluż fil-qasam tal-akkwist, ġiet issottolinjata f'diversi okkażjonijiet. Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2013 ([1]), u d-Dikjarazzjoni Konġunta UE-NATO ta' Lulju 2016 ([2]) enfasizzaw, *fost l-oħrajn*, li l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża tkun ir-rispons it-tajjeb għall-isfidi dejjem akbar relatati mas-sigurità, iż-żieda fil-kostijiet tas-sistemi ta' difiża ġodda u r-restrizzjonijiet baġitarji tal-Istati Membri, kif ukoll il-livelli għolja ta' duplikazzjoni u frammentazzjoni fis-settur tad-difiża tal-UE.

Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-Akkwist fil-Qasam tad-Difiża ([3]) (minn hawn 'il quddiem: "id-Direttiva"), li ġie ppubblikat fit-30 ta' Novembru 2016 ([4]) ikkonkluda li d-Direttiva ma xxekkilx l-akkwist kooperattiv. Din il-konklużjoni kienet ibbażata fuq diskussjonijiet mal-esperti tal-Istati Membri u fuq ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati. Din qieset ukoll il-valutazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) ([5]), li skontha l-problemi bit-tnedija ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża huma pjuttost dovuti għal elementi oħra bħat-tnaqqis fil-baġit għad-difiża, sinkronizzazzjoni insuffiċjenti ta' ċikli tal-baġit, u nuqqas ta' armonizzazzjoni tar-rekwiżiti.

Fl-istess ħin, l-evalwazzjoni ħabbret li l-Kummissjoni se tipprovdi gwida għal dan l-għan. L-istess tħabbira saret fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża (EDAP) ([6]), li ġie adottat ukoll f'Novembru 2016. B'dan l-Avviż, il-Kummissjoni tissodisfa l-impenn li sar fir-Rapport dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva u fl-EDAP.

Il-Kummissjoni temmen ukoll li hemm bżonn li tiġi kkjarifikata firxa ta' għażliet għall-akkwist pubbliku minn żewġ Stati Membri jew aktar sabiex l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiġu mħeġġa jużaw bis-sħiħ il-possibbiltajiet, li jeżistu skont id-Direttiva, fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva.

Kif tħabbar fl-EDAP f'Ġunju 2017, il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni li tniedi l-Fond Ewropew għad-Difiża ([7]) magħmul minn oqsma ta' riċerka u ta' kapaċità.

([1]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew EUCO 217/13 tal-20 ta' Diċembru 2013, http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-217-2013-INIT/en/pdf

([2]) Dikjarazzjoni konġunta tal-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana tat-8 ta' Lulju 2016, https://www.nato.int/cps/en/natohq/official_texts_133163.htm.

([3]) Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).

([4]) Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/81/KE dwar l-akkwist pubbliku fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà, għall-konformità mal-Artikolu 73(2) ta' dik id-Direttiva, COM/2016/0762 final.

([5]) Diskuss mal-Istati Membri fil-livell tal-esperti u fil-livell tad-Diretturi Nazzjonali tal-Armamenti.

([6]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża, COM/2016/0950 final.

([7]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, It-Tnedija tal-Fond Ewropew għad-Difiża (COM(2017)295 final).

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 u tat-23 ta' Ġunju 2017 ([8]) approvaw l-inizjattivi msemmija hawn fuq, abbażi tal-kooperazzjoni industrijali Ewropea fil-qasam tad-difiża. Wara l-ftehim li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi, fit-18 ta' Lulju 2018 ([9]), ġie adottat ir-Regolament li jistabbilixxi l-EDIDP, filwaqt li l-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża (PADR), li tappoġġja r-riċerka kollaborattiva dwar id-difiża, ilha mill-2017 fis-seħħ bl-ewwel żewġ programmi ta' ħidma ġew adottati fil-11 ta' April 2017 u fid-9 ta' Marzu 2018.

Fit-13 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża ([10]) għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027, li tipproponi baġit ġenerali ta' EUR 13-il biljun matul dan il-perjodu, sabiex jiġu appoġġjati l-proġetti kollaborattivi ta' riċerka u ta' żvilupp fil-qasam tad-difiża.

B'kunsiderazzjoni ta' dawn l-iżviluppi, il-Kummissjoni tafferma mill-ġdid li hija meħtieġa aktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-akkwist fil-qasam tad-difiża. Dan l-Avviż jipprovdi gwida dwar diversi possibbiltajiet ta' akkwist kooperattiv fil-qasam tad-difiża, abbażi tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva. Fejn xieraq, jitqiesu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) (minn hawn 'il quddiem: id-"Direttiva 2014/24/UE") dwar l-akkwist pubbliku, dment li jkunu jistgħu jipprovdu gwida dwar kif għandhom jiġu ttrattati ċerti kwistjonijiet li mhumiex indirizzati kompletament fid-Direttiva. Bil-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż, il-Kummissjoni tfittex li tipprovdi kjarifiki lill-awtoritajiet kontraenti tal-Istati Membri, biex iżżid iċ-ċertezza legali u tnaqqas ir-riskji (inklużi r-riskji pperċepiti) tan-nuqqas ta' konformità mal-liġi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku. Il-Kummissjoni tqis li dan se jkollu effett pożittiv fuq l-akkwist kooperattiv fil-qasam tad-difiża fost l-Istati Membri.

Dan l-Avviż jeżamina l-possibbiltajiet, li d-Direttiva dwar l-Akkwist fil-qasam tad-Difiża u d-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku joffru lill-Istati Membri biex jeżerċitaw l-akkwist pubbliku. Dan jipprova jagħti eżempji ta' xenarji ta' akkwist kooperattiv fil-qasam tad-difiża, li jistgħu jitwettqu permezz tad-dispożizzjonijiet taż-żewġ Direttivi. Tali xenarji huma differenti f'ċerti aspetti, iżda għandhom element komuni importanti ħafna, jiġifieri dawn jirreferu għal sitwazzjonijiet li fihom żewġ Stati Membri jew aktar (possibbilment f'kooperazzjoni ma' pajjiż terz wieħed jew aktar) jaħdmu flimkien, permezz ta' arranġamenti *ad hoc* jew strutturati, biex jixtru tagħmir (jew servizzi) militari għall-użu tagħhom.

Ta' min jinnota li x-xenarji ta' akkwist kooperattiv koperti f'dan l-Avviż jistgħu, fil-prinċipju, japplikaw kemm fil-qasam tat-tagħmir militari kif ukoll fil-qasam tat-tagħmir tas-sigurtà sensittiva, peress li d-Direttiva tapplika għaż-żewġ oqsma ([12]).

Dan l-Avviż jiffoka fuq id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Akkwist fil-qasam tad-Difiża. Dan ma jindirizzax kwistjonijiet oħra, bħall-allinjament ta' rekwiżiti tekniċi, is-sinkronizzazzjoni taċ-ċikli tal-baġit nazzjonali, u kwistjonijiet legali u amministrattivi oħra, li jista' jkollhom impatt sinifikanti ħafna fuq l-akkwist kooperattiv fil-qasam tad-difiża. L-EDA qed taħdem mal-Istati Membri fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet minn dawn. L-Avviż iqis ukoll il-Vademecum dwar l-Akkwist Kooperattiv fil-qasam tad-Difiża tal-EDA (oriġinarjament minn April 2015).

L-Avviż mhuwiex legalment vinkolanti. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss hija kompetenti biex tagħti interpretazzjoni legalment vinkolanti tal-liġi tal-UE.

It-Taqsima 3 ta' dan l-Avviż tissostitwixxi t-Taqsima 3.3) "Cooperative programmes" (Programmi kooperattivi) tan-Nota ta' Gwida tal-2010 "Defence- and Security- specific exclusions" (Esklużjonijiet speċifiċi għad-Difiża u għas-Sigurtà) ([13]) u tissostitwixxi l-punt 6 tan-Nota ta' Gwida tal-2010 "Research and Development" (Riċerka u Żvilupp) ([14]), u t-Taqsima 4 tissostitwixxi t-Taqsima 2.4) "Contract award rules of international organisations" (Regoli għall-għoti tal-kuntratt ta' organizzazzjonijiet internazzjonali) tan-Nota ta' Gwida tal-2010 "Defence- and Security- specific exclusions" (Esklużjonijiet speċifiċi għad-Difiża u għas-Sigurtà) ([15]).

([8]) http://www.consilium.europa.eu/media/23985/22-23-euco-final-conclusions.pdf

([9]) Ir-Regolament (UE) 2018/1092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 30).
https://eda.europa.eu/docs/default-source/documents/2018-07-18-edidp-regulation-eu-2018-1092.pdf.

([10]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża, COM/2018/476 final - 2018/0254 (COD).

([11]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

([12]) Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva huwa ddefinit fl-Artikolu 2 tagħha.

([13]) http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/15408/attachments/1/translations/

([14]) http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/14833/attachments/1/translations

([15]) http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/15408/attachments/1/translations/

## 2. PROĊEDURI META L-ISTATI MEMBRI JWETTQU AKKWIST AGGREGAT

Din it-Taqsima teżamina diversi possibbiltajiet ta' akkwist konġunt mill-awtoritajiet kontraenti ta' Stati Membri differenti. L-akkwist konġunt jista' jsir bl-użu ta' Korp Ċentrali għall-Akkwisti (CPB) jew mingħajru. Skont l-Artikolu 1(18), CPB jista' jkun Korp Pubbliku Ewropew jew awtorità/entità kontraenti ta' Stat Membru (ix-xenarju tan-"nazzjon mexxej").

### 2.1. Akkwist konġunt mingħajr l-użu ta' Korp Ċentrali għall-Akkwisti (CPB)

Filwaqt li d-Direttiva ma tipprovdi l-ebda regola relatata speċifikament mal-proċeduri tal-akkwist konġunt li jinvolvu awtoritajiet kontraenti minn żewġ Stati Membri jew aktar, il-kuntest regolatorju, previst mid-Direttiva 2014/24/UE (b'mod partikolari, l-Artikolu 39 tagħha), juri li l-possibbiltà li jiġu organizzati tali proċeduri konġunti mhijiex inkompatibbli mal-objettivi tad-Direttiva, dment li jiġu rrispettati ċerti rekwiżiti. B'mod partikolari, l-użu ta' proċedura tal-akkwist konġunt m'għandux iwassal biex jiġu evitati r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva. F'dan ir-rigward, jidher li sa fejn l-awtoritajiet kontraenti jibbażaw il-proċeduri tal-akkwist konġunt tagħhom fuq il-proċeduri previsti fl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/24/UE, għall-akkwist tagħhom li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, tali proċeduri jkunu kompatibbli mad-Direttiva.

L-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/24/UE jipprovdi l-elementi li għandhom jiġu ddeterminati fi ftehimiet jew arranġamenti relatati mal-akkwist konġunt: ir-responsabbiltajiet tal-partijiet għall-akkwist konġunt, id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti applikabbli rilevanti (inkluż dwar ir-rimedji) u l-organizzazzjoni interna tal-proċedura tal-akkwist. Għall-fini ta' trasparenza u ċertezza legali, fid-dokumenti tal-akkwist għandha ssir referenza għall-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet u għal-liġi nazzjonali applikabbli.

Meta żewġ awtoritajiet kontraenti jew aktar iwettqu b'mod konġunt proċedura tal-akkwist fl-intier tagħha, dawn se jkunu responsabbli b'mod konġunt biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont id-Direttiva. Dan ifisser, fil-prattika, li l-awtoritajiet kontraenti kollha se jerfgħu r-responsabbiltà għal kwalunkwe irregolarità jew żball possibbli fil-proċedura, fid-dawl tal-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva.

Madankollu, l-operaturi ekonomiċi li jixtiequ jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva mhux se jkollhom bżonn jitolbu l-assistenza tal-awtoritajiet kontraenti kollha li jieħdu sehem fl-akkwist konġunt, iżda biss tal-awtorità kontraenti li hija responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-proċedura tal-offerti. B'hekk, l-operaturi ekonomiċi jinvolvu ruħhom biss ma' awtorità kontraenti waħda.

### 2.2. Akkwist konġunt bl-użu ta' Korp Ċentrali għall-Akkwisti (CPB)

L-Artikolu 10 tad-Direttiva jirregola x-xiri ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi mingħand Korp Ċentrali għall-Akkwisti jew permezz tiegħu. Għalkemm l-Artikolu 10 ma jipprovdi l-ebda regola relatata speċifikament ma' sitwazzjonijiet li jinvolvu diversi Stati Membri li jwettqu xiri aggregat permezz ta' CPB, il-kuntest regolatorju juri li l-possibbiltà li jiġu organizzati tali proċeduri konġunti mhijiex inkompatibbli mal-objettivi tad-Direttiva, dment li jiġu rrispettati ċerti rekwiżiti. B'mod partikolari, l-użu ta' CPB wieħed m'għandux iwassal biex jiġu evitati r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva. Għalhekk, l-akkwist konġunt minn diversi awtoritajiet kontraenti minn Stati Membri differenti, li jitwettaq permezz ta' CPB, jidher li huwa għodda kompletament valida tal-akkwist pubbliku fis-settur tad-difiża, dment li ftehim bejn/fost l-Istati Membri involuti jagħmel tali akkwist konġunt possibbli.

L-Artikolu 1(18) tad-Direttiva jiddefinixxi CPB bħala awtorità/entità kontraenti jew korp pubbliku Ewropew li:

— jakkwista provvisti u/jew servizzi maħsuba għal awtoritajiet/entitajiet kontraenti, jew

— jagħti kuntratt jew jikkonkludi ftehimiet qafas għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi maħsuba għal awtoritajiet/entitajiet kontraenti ([16]).

([16]) Id-definizzjoni korrispondenti fid-Direttiva Ġenerali dwar l-Akkwist Pubbliku 2014/24/UE hija differenti f'ċerti aspetti. Skont l-Artikolu 2(1)(16) ta' din id-Direttiva "korp ta' xiri ċentrali" huwa awtorità kontraenti li tipprovdi attivitajiet ta' xiri ċentralizzati u, possibbilment, attivitajiet ta' xiri anċillari filwaqt li skont l-Artikolu 2(1)(14) tal-istess Direttiva "attivitajiet ta' xiri ċentralizzati" huma attivitajiet li jitwettqu fuq bażi permanenti, f'waħda mill-forom li ġejjin:
(a) l-akkwist ta' provvisti u/jew servizzi maħsuba għall-awtoritajiet kontraenti,
(b) l-għoti ta' kuntratti pubbliċi jew il-konklużjoni ta' ftehimiet qafas għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi maħsuba għall-awtoritajiet kontraenti.
Ċerti aspetti organizzattivi tal-involviment tas-CPBs huma ddefiniti fid-Direttiva 2014/24/UE u fiha huwa impost obbligu ta' komunikazzjoni elettronika.

B'hekk, is-CPB jista' jkun is-CPB ta' wieħed mill-Istati Membri li jieħdu sehem fl-akkwist konġunt jew Korp Pubbliku Ewropew.

2.2.1. *Korp pubbliku Ewropew bħala CPB*

Kif imsemmi hawn fuq, l-Artikolu 1(18) tad-Direttiva jirrikonoxxi l-fatt li korp pubbliku Ewropew li ma jkunx hu stess awtorità/entità kontraenti jista' jaġixxi bħala CPB skont it-tifsira tal-Artikolu 10. Id-Direttiva ma tiddefinixxix il-kunċett ta' "Korp pubbliku Ewropew". Madankollu, il-Premessa 23 tindika li "l-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa wkoll li jinnominaw korpi pubbliċi Ewropej mhux suġġetti għal din id-Direttiva, bħall-Aġenzija tad-Difiża Ewropea, bħala korpi ċentrali għall-akkwisti, sakemm dawn il-korpi japplikaw fir-rigward ta' dawk ix-xirjiet regoli li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva".

F'każ li s-CPB ma jkunx huwa stess awtorità kontraenti, l-awtoritajiet kontraenti li jużawh huma obbligati li jiżguraw li r-regoli applikati mis-CPB jikkonformaw ma' dawk tad-Direttiva. Minbarra din l-ispeċifiċità, ir-regoli li jirregolaw l-użu ta' korp pubbliku Ewropew bħala CPB huma l-istess bħal dawk relatati mal-użu ta' CPB li jkun awtorità/entità kontraenti, kif deskritt fil-paragrafu ta' hawn taħt.

2.2.2. *Ix-xenarju ta' nazzjon mexxej*

Ix-xenarju ta' nazzjon mexxej jirreferi għal sitwazzjoni fejn żewġ Stati Membri jew aktar jkunu se jwettqu xiri konġunt u jorganizzaw dan ix-xiri billi jinnominaw awtorità/entità kontraenti ta' wieħed mill-Istati Membri parteċipanti bħala CPB.

(a) Il-liġi u r-responsabbiltajiet applikabbli tas-CPBs u l-utenti tagħhom

Filwaqt li d-Direttiva ma tinkludix dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ix-xenarju ta' nazzjon mexxej, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-kuntest regolatorju, ipprovdut mid-Direttiva 2014/24/UE (b'mod partikolari, l-Artikolu 39 tagħha), juri li l-possibbiltà li jiġi organizzat xiri konġunt skont ix-xenarju ta' nazzjon mexxej mhijiex inkompatibbli mal-objettivi tad-Direttiva, dment li jiġu rispettati ċerti rekwiżiti. B'mod partikolari, l-użu tax-xenarju ta' nazzjon mexxej m'għandux iwassal biex jiġu evitati r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni hija tal-fehma li tali evitar huwa eskluż f'sitwazzjonijiet fejn l-awtoritajiet kontraenti jsegwu *mutatis mutandis* il-proċeduri previsti fl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/24/UE għall-akkwist tagħhom li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Għalhekk, f'sitwazzjoni fejn żewġ Stati Membri jew aktar jkunu se jwettqu xiri konġunt u jorganizzaw dan ix-xiri billi jinnominaw l-awtorità/l-entità kontraenti ta' wieħed mill-Istati Membri parteċipanti bħala s-CPB, ix-xiri konġunt għandu jitwettaq skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn ikun jinsab is-CPB (l-Artikolu 39(4) tad-Direttiva 2014/24/UE). Barra minn hekk, b'analoġija għall-Artikolu 39(4) tad-Direttiva 2014/24/UE, il-ftehimiet jew l-arranġamenti bejn l-Istati Membri parteċipanti se jkollhom jiddeterminaw dan li ġej: ir-responsabbiltajiet tas-CPB u tal-awtoritajiet kontraenti l-oħra, id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti applikabbli (inkluż dwar ir-rimedji) u l-organizzazzjoni interna tal-proċedura tal-akkwist. Għall-fini ta' trasparenza u ċertezza legali, fid-dokumenti u fl-ispeċifikazzjonijiet tal-akkwist għandha ssir referenza għall-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet u għal-liġi nazzjonali applikabbli.

(b) Ir-responsabbiltà għall-konformità mad-Direttiva

Fir-rigward tal-kwistjoni dwar id-diviżjoni tar-responsabbiltà għall-konformità mad-Direttiva, l-Artikolu 10 jippreskrivi li "l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti li jixtru xogħlijiet, provvisti u/jew servizzi minn jew permezz ta' korp ċentrali ta' xiri fil-każi stabbiliti fl-Artikolu 1(18) għandhom ikunu meqjusa li kkonformaw ma' din id-Direttiva safejn il-korp ċentrali ta' xiri jkun ikkonforma magħha". Din ifisser li awtorità kontraenti li tixtri xogħlijiet, provvisti jew servizzi minn CPB jew permezz tiegħu tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-Direttiva, dment li s-CPB li x-xiri jkun sar minnu jew permezz tiegħu japplika d-Direttiva permezz tal-liġi nazzjonali ta' traspożizzjoni.

Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom is-CPB iwettaq biss xi partijiet tal-proċedura tal-akkwist għall-awtoritajiet kontraenti l-oħra. Pereżempju, dan jista' jkun il-każ meta s-CPB ikun responsabbli għall-għoti ta' ftehim qafas u l-awtoritajiet kontraenti individwali jkunu responsabbli għall-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni għall-għoti ta' kuntratti speċifiċi, abbażi ta' dan il-ftehim qafas. F'tali sitwazzjonijiet, l-awtoritajiet kontraenti li jużaw is-CPB se jkollhom ir-responsabbiltà unika li jissodisfaw l-obbligi skont id-Direttiva fir-rigward tal-partijiet tal-proċedura tal-akkwist li jmexxu huma stess.

Ftehim bejn/fost l-Istati Membri involuti għandu jagħmel tali akkwist konġunt possibbli.

## 3. PROGRAMMI KOOPERATTIVI GĦALL-IŻVILUPP TA' PRODOTTI ĠODDA — L-ARTIKOLU 13(C) TAD-DIRETTIVA

L-Artikolu 13(c) tad-Direttiva huwa relatat ma' kategorija speċifika ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża. Dan jistabbilixxi esklużjoni speċifika għall-programmi kooperattivi bbażati fuq ir-riċerka u l-iżvilupp. Id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal "kuntratti mogħtija fil-qafas ta' programm ta' koperazzjoni bbażat fuq ir-riċerka u l-iżvilupp li jsir b'mod konġunt bejn għall-inqas żewġ Stati Membri għall-iżvilupp ta' prodott ġdid u, fejn applikabbli, l-aħħar fażi tal-partijiet kollha jew ta' partijiet miċ-ċiklu tal-ħajja ta' dan il-prodott".

Din l-esklużjoni tirrikonoxxi l-importanza partikolari tal-programmi kooperattivi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari Ewropej u l-istabbiliment ta' Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) b'saħħitha u kompetittiva, peress li tali programmi "jgħinu biex jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda u jbatu l-ispejjeż għolja tar-riċerka u l-iżvilupp ta' sistemi kumplessi tal-armi" (Premessa 28 tad-Direttiva).

L-Artikolu 11 tad-Direttiva jagħmilha ċara li: "L-ebda regola, proċedura, programm, ftehim, arrangament jew kuntratt imsemmi f'din it-taqsima ma jista' jintuża biex ikunu evitati d-dispożizzjoni ta' din id-Direttiva." Dan jikkonċerna wkoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 13(c) tad-Direttiva.

### 3.1. "Ibbażat fuq ir-Riċerka u l-iżvilupp"

Sabiex l-Artikolu 13(c) ikun applikabbli, programm kooperattiv għandu jkun ibbażat fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (minn hawn 'il quddiem "R&Ż"). Għall-fini tad-Direttiva 2009/81/KE, ir-riċerka u l-iżvilupp huma ddefiniti fl-Artikolu 1(27), filwaqt li l-Premessa 13 tipprovdi aktar spjegazzjonijiet.

Skont l-Artikolu 1(27), "riċerka u żvilupp tfisser l-attivitajiet kollha li jinkludu riċerka fundamentali, riċerka applikata u żvilupp sperimentali, fejn tal-aħħar tista' tinkludi l-produzzjoni ta' dimostraturi teknoloġiċi, i.e. tagħmir li juri l-prestazzjoni ta' kunċett jew teknoloġija ġdida f'ambjent rilevanti jew rappreżentattiv".

Il-Premessa 13 tistipula li "Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "riċerka u żvilupp" għandu jkopri r-riċerka fundamentali, ir-riċerka applikata u l-iżvilupp sperimentali. Ir-riċerka fundamentali tikkonsisti f'ħidma sperimentali jew teoretika mwettqa primarjament bil-ħsieb li jinkiseb għerf ġdid rigward il-bażi tal-fenomeni u tal-fatti li jistgħu jiġu osservati, mingħajr ma jkunu previsti xi applikazzjoni jew użu partikulari. Ir-riċerka applikata tikkonsisti wkoll f'xogħlijiet oriġinali mwettqa bil-ħsieb li jinkiseb għerf ġdid. Madankollu, hija mmirata primarjament lejn għan jew objettiv prattiku partikolari. L-iżvilupp sperimentali jikkonsisti f'ħidma bbażata fuq għerf eżistenti miksub mir-riċerka u/jew l-esperjenza prattika bil-ħsieb li tinbeda l-manifattura ta' materjali, prodotti jew tagħmir ġodda, li jiġu stabbiliti proċessi, sistemi u servizzi ġodda jew li jittejbu b'mod konsiderevoli dawk li diġà jeżistu. L-iżvilupp sperimentali jista' jinkludi l-produzzjoni ta' dimostraturi teknoloġiċi, jiġifieri tagħmir biex jintwerew il-prestazzjonijiet ta' kunċett jew teknoloġija ġodda f'ambjent rilevanti jew rappreżentattiv. Ir-riċerka u l-iżvilupp ma jinkludux it-twettiq u l-kwalifikazzjoni ta' prototipi ta' qabel il-produzzjoni, l-għodod u l-inġinerija industrijali, id-disinjar industrijali jew manifattura".

Il-kundizzjoni li skontha programm kooperattiv għandu jkun ibbażat fuq ir-riċerka u l-iżvilupp tfisser li l-programm għandu jinkludi fażi ta' riċerka u ta' żvilupp.

Għall-iffaċilitar tar-referenza, "R&Ż", skont l-Artikolu 13(c), tipikament tkopri l-Livelli ta' Tħejjija Teknoloġika (TRL) ([17]) minn 1 sa 7. Dawn it-TRLs jikkostitwixxu R&Ż sa fejn ikunu jinvolvu l-kisba ta' għarfien ġdid jew it-taħlita, it-tiswir, l-użu u l-ittestjar ta' għarfien u ħiliet eżistenti bl-għan li jiġu żviluppati prodotti, materjali, sistemi, proċessi u servizzi ġodda jew imtejba. Għall-finijiet tal-Artikolu 13(c), mhuwiex meħtieġ li l-programm kooperattiv ikun jinkludi attivitajiet li jkopru l-livelli tat-TRL differenti kollha. Madankollu, it-tħejjija ta' prototip ta' qabel il-produzzjoni (verżjoni ttestjata biex jiġu identifikati l-problemi u jiġu kkwalifikati proċessi ta' manifattura qabel il-bidu tal-produzzjoni), ma tistax titqies bħala attività ta' riċerka u ta' żvilupp għall-fini tad-Direttiva.

Għandu jiġi kkjarifikat li d-definizzjoni tar-R&Ż għall-fini tad-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-definizzjonijiet tar-R&Ż inklużi f'atti oħra tal-UE.

### 3.2. L-iżvilupp ta' prodott ġdid

Waħda mill-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-Artikolu 13(c) hija l-fini tal-programm, jiġifieri l-iżvilupp ta' prodott ġdid.

([17]) Deskrizzjoni tat-TLRs hija pprovduta fi ħdan il-Programm Orizzont 2020: http://ec.europa.eu/research/participants/data/ref/h2020/wp/2014_2015/annexes/h2020-wp1415-annex-g-trl_en.pdf.

F'konformità mal-objettivi usa' tal-Artikolu 13(c), jiġifieri li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u jiġu koperti l-kostijiet għolja tar-riċerka u l-iżvilupp ta' sistemi tal-armi kumplessi, il-prodotti kooperattivi bbażati fuq ir-riċerka u l-iżvilupp għall-aġġornament ta' prodotti eżistenti jistgħu, taħt ċerti ċirkostanzi, jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Sabiex l-Artikolu 13(c) ikun applikabbli, l-aġġornament inkwistjoni għandu jwassal għal bidliet sostanzjali jew titjib sostanzjali tal-prodott. Kriterji rilevanti biex jiġu vvalutati tali bidliet jew titjib jistgħu jinkludu: bidliet sinifikanti fit-tagħmir eżistenti; il-firxa tal-funzjonalitajiet ġodda tat-tagħmir; bidliet strutturali fil-pjattaformi.

### 3.3. Il-fażijiet ta' wara taċ-ċiklu tal-ħajja

Minbarra l-iżvilupp ta' prodott ġdid, l-Artikolu 13(c) jipprevedi li l-programm jista' jinkludi l-fażijiet ta' wara taċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott jew parti minnu bħat-tfassil ta' prototipi qabel il-produzzjoni, il-produzzjoni jew il-manutenzjoni. Il-kuntratti relatati ma' dawn il-fażijiet ta' wara huma koperti mill-esklużjoni, dment li dawn il-kuntratti jingħataw ukoll fil-qafas tal-programm kooperattiv. B'kuntrast ma' dan, Stat Membru li jieħu sehem fil-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp, iżda jiddeċiedi li jagħmel ix-xiri tiegħu għall-fażijiet ta' wara taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott separatament, se jkollu japplika d-Direttiva għall-għoti ta' dawn il-kuntratti.

### 3.4. Kuntratti mogħtija fil-qafas ta' programm kooperattiv

L-Artikolu 13(c) japplika għall-kuntratti kollha mogħtija minn, jew f'isem ta', awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn Stati Membri fil-qafas ta' programm kooperattiv ibbażat fuq ir-R&Ż, sakemm il-kuntratt jissodisfa l-kundizzjonijiet l-oħra ta' dik id-dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Premessa 28 tiddikjara b'mod espliċitu li l-eċċezzjoni tal-Artikolu 13(c) għandha tapplika għall-programmi bbażati fuq ir-R&Ż li huma ġestiti minn organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-*Organisation Conjointe de Coopération en matière d'Armement* (OCCAR) jew l-aġenziji tan-NATO, jew minn aġenziji tal-Unjoni bħall-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), li mbagħad jagħtu kuntratti f'isem l-Istati Membri. L-istess japplika għall-kuntratti mogħtija minn awtoritajiet/entitajiet kontraenti ta' Stat Membru wieħed skont il-mudell ta' "nazzjon mexxej", li jaġixxu f'isimhom stess jew f'isem ta' mill-inqas Stat Membru ieħor.

Il-kuntratti jingħataw "fil-qafas ta' programm kooperattiv", meta dawn jingħataw mill-entità jew mill-entitajiet maħtura għal dak il-għan permezz tal-arranġamenti li jirregolaw il-programm kooperattiv, u skont ir-regoli u l-proċeduri inklużi f'tali arranġamenti. L-eżistenza ta' diversi arranġamenti, li kull wieħed minnhom ikopri fażijiet differenti tal-programm, jew bidliet fil-konfigurazzjoni tal-Istati Membri parteċipanti (dment li mill-inqas tnejn minnhom ikunu jagħmlu parti mill-programm), ma tipprekludix l-issodisfar ta' din il-kundizzjoni għall-applikabbiltà tal-Artikolu 13(c).

### 3.5. Programmi "li jsir[u] b'mod konġunt bejn tal-inqas żewġ Stati Membri"

Il-programmi kooperattivi għandhom "[i]sir[u] b'mod konġunt bejn tal-inqas żewġ Stati Membri". Il-parteċipazzjoni tista' tkun jew tista' ma tkunx limitata għall-Istati Membri tal-UE. Fi kliem ieħor, il-programmi kooperattivi bil-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi huma koperti wkoll mill-eżenzjoni, dment li mill-inqas ikunu qed jieħdu sehem ukoll żewġ Stati Membri. Fi kwalunkwe każ, u f'konformità mal-Artikolu 11, it-termini "[i]sir b'mod konġunt" u "programm kooperattiv" jimplikaw li l-programm għandu jkun ibbażat fuq kunċett ġenwinament kooperattiv. Il-parteċipazzjoni fi programm kooperattiv hija għalhekk interpretata bħala li tfisser aktar minn sempliċiment ix-xiri tat-tagħmir, iżda tinkludi b'mod partikolari l-qsim proporzjonat tar-riskji u l-opportunitajiet tekniċi u finanzjarji, il-parteċipazzjoni fil-ġestjoni tal-programm, u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwaru. Minħabba d-differenzi li jeżistu bejn l-baġits għad-difiża tal-Istati Membri u l-ħtiġijiet tal-forzi armati rispettivi tagħhom, id-daqs tal-kontributi individwali għall-programmi kooperattivi jista' jvarja b'mod konsiderevoli. Għalhekk, il-valutazzjoni ta' jekk programm huwiex ibbażat fuq kunċett ġenwinament kooperattiv, għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 13(c), jeħtieġ li tiffoka fuq in-natura kooperattiva tal-programm u l-kwalità tal-parteċipazzjoni ta' kull Stat Membru, pjuttost milli fuq approċċ kwantitattiv.

Programm tar-R&Ż ġestit mill-istituzzjonijiet jew mill-aġenziji tal-UE, jiġifieri implimentat skont ir-regoli tal-UE u ffinanzjat mill-baġit tal-UE (jew minn organizzazzjoni finanzjarja oħra li mill-inqas żewġ Stati Membri jagħmlu parti għaliha), jikkostitwixxi programm kooperattiv li jitwettaq b'mod konġunt minn tal-inqas żewġ Stati Membri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(c). Tali programm jista', bħal kwalunkwe programm tar-R&Ż, jitkompla għall-fażijiet ta' wara r-R&Ż, li f'tali każ il-kuntratti mogħtija fil-qafas tal-programm ta' segwitu jistgħu jiġu esklużi wkoll skont l-Artikolu 13(c) (ara t-Taqsima 3.3 t'hawn fuq).

### 3.6. Stati Membri li jissieħbu aktar tard

Bl-għan li tiġi stimolata l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-programmi kooperattivi bbażati fuq ir-R&Ż, l-esklużjoni skont l-Artikolu 13(c) għandha tiġi interpretata bħala li tippermetti lil Stat Membru jissieħeb f'tali programm wara li tintemm il-fażi tar-R&Ż għall-fażijiet ta' wara ċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott, dment li dan isir membru sħiħ tal-programm. Dan ifisser li l-parteċipazzjoni tiegħu hija formalizzata fi ftehim jew f'arranġament mal-Istati Membri parteċipanti l-oħra u jimplika li l-Istat Membru l-ġdid igawdi d-drittijiet u l-obbligi speċifiċi li huma riżervati għall-membri tal-programm kooperattiv. F'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva, jeħtieġ li l-parteċipazzjoni tal-Istat(i) Membru(i) li jissieħeb(jissieħbu) aktar tard tkun parteċipazzjoni ġenwina fil-programm, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe evitar tar-regoli tad-Direttiva. F'dan il-każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika wkoll l-adeżjoni tiegħu fil-programm.

### 3.7. Notifika lill-Kummissjoni

Il-parti finali tal-Artikolu 13(c) telenka l-informazzjoni li l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni ladarba jiġi konkluż il-programm ([18]). Għalkemm din ma tispeċifikax kemm trid tkun iddettaljata l-informazzjoni dwar is-sehem tar-R&Ż, il-qsim tal-kost u s-sehem maħsub tax-xiri, abbażi tat-tifsira ġenerali ta' din id-dispożizzjoni, din għandha tiġi interpretata bħala li teħtieġ biżżejjed informazzjoni biex jintwera:

(1) li l-programm jikkonċerna l-iżvilupp ta' prodott ġdid, jew prodott aġġornat li jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3.2 t'hawn fuq;

(2) li l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva hija aktar minn sempliċement kontribut simboliku għal programm nazzjonali u li dik tikkonċerna parteċipazzjoni ġenwina.

Sabiex dan isir, in-notifika għandha mill-inqas tindika s-sehem tal-infiq fir-riċerka u l-iżvilupp relattiv għall-kost ġenerali tal-programm u l-ftehim dwar il-qsim tal-kost. Is-sehem maħsub tax-xiri għal kull Stat Membru għandu jiġi pprovdut biss sa fejn tali informazzjoni tkun diġà disponibbli fiż-żmien tan-notifika.

L-Istati Membri kollha parteċipanti huma responsabbli għan-notifika tagħhom stess. L-Istati Membri li jissieħbu fi programm kooperattiv wara l-fażijiet inizjali tiegħu, inkluż wara t-tmiem tal-fażi tar-R&Ż, għandhom jinnotifikaw ukoll lill-Kummissjoni dwar l-adeżjoni tagħhom fil-programm (bl-għażla li jinnotifikaw lill-Istati Membri parteċipanti l-oħra).

In-notifiki jistgħu jintbagħtu jew bil-posta jew b'posta elettronika lid-DĠ GROW (Unità G3). L-indirizz elettroniku għan-notifiki huwa: GROW-DEFENCE@ec.europa.eu

L-indirizz postali huwa:

European Commission
DG GROW/G3
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Fir-rigward tal-għażla taż-żmien tan-notifika, l-Artikolu 13(c) jindika b'mod ċar li din għandha ssir "ladarba jiġi konkluż programm kooperattiv". Dan ifisser li n-notifika għandha ssir eżattament wara li jiġi konkluż il-programm kooperattiv bejn id-diversi Stati Membri. Fi kwalunkwe każ, in-notifika għandha ssir qabel jingħataw il-kuntratti.

## 4. AKKWIST PERMEZZ TA' ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI – L-ARTIKOLU 12(C) TAD-DIRETTIVA

Il-terminu "organizzazzjoni internazzjonali" mhuwiex iddefinit fid-Direttiva. In-Nota ta' Gwida tal-2010 "Esklużjonijiet speċifiċi għad-Difiża u s-Sigurtà" ([19]) għamlet referenza għal "istituzzjoni permanenti b'personalità legali separata, stabbilita minn Trattat bejn stati sovrani jew organizzazzjonijiet intergovernattivi u li għandha regoli u strutturi organizzattivi". Id-definizzjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar il-Liġi Internazzjonali ([20]) hija: "organizzazzjoni stabbilita permezz ta' Trattat jew strument ieħor irregolat mil-liġi internazzjonali u li għandha l-personalità ġuridika internazzjonali tagħha stess".

L-Artikolu 12(c) tad-Direttiva jistabbilixxi żewġ eċċezzjonijiet.

Skont l-ewwel eċċezzjoni, id-Direttiva ma tapplikax għal kuntratti regolati mir-regoli proċedurali speċifiċi ta' organizzazzjoni internazzjonali li twettaq ix-xiri għall-fini tagħha. L-aħħar sentenza tal-Premessa 26 tad-Direttiva tikkjarifika li din tirreferi għal "kuntratti mogħtija minn organizzazzjonijiet internazzjonali għall-finijiet tagħhom". Peress li d-Direttiva hija indirizzata għall-Istati Membri u ma tistax torbot lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, skont l-Artikolu 12(c), ir-regoli tad-Direttiva ma japplikawx għal xiri li jsir minn organizzazzjoni internazzjonali f'isimha stess u għaliha stess.

Ix-xiri li jsir minn organizzazzjoni internazzjonali għall-finijiet tagħha għandu jinftiehem li jkopri xiri ta' tagħmir/servizzi tad-difiża li jkun sar minn organizzazzjoni internazzjonali (biex tikseb) il-finijiet jew il-missjonijiet tagħha, kif iddefinit normalment fl-istrumenti ta' twaqqif rilevanti. Fi kliem ieħor, għandu jekk hemm rabta ċara bejn il-finijiet u l-missjonijiet tal-organizzazzjoni internazzjonali fuq naħa, u dak li jinxtara u huwa ddeterminat fl-għoti tal-kuntratt fuq in-naħa l-oħra.

([18]) Jeħtieġ li din l-informazzjoni tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni ladarba jiġi konkluż programm kooperattiv bejn l-Istati Membri biss.
([19]) Id-Direttiva 2009/81/KE dwar l-għoti ta' kuntratti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà: esklużjonijiet speċifiċi għad-difiża u s-sigurtà, in-Nota ta' Gwida, id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern u s-Servizzi, http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/15408/attachments/1/translations/.
([20]) Yearbook tal-Kummissjoni dwar il-Liġi Internazzjonali 2011, Volum II Parti Tnejn, http://legal.un.org/docs/?path=../ilc/publications/yearbooks/english/ilc_2011_v2_p2.pdf&lang=EFS.

Skont it-tieni eċċezzjoni, stabbilita fl-Artikolu 12(c), id-Direttiva ma tapplikax għal "kuntratti li għandhom jingħataw minn Stat Membru" skont ir-regoli proċedurali ta' organizzazzjoni internazzjonali. Pereżempju, dan jista' jkun il-każ meta Stat Membru jaġixxi f'isem organizzazzjoni internazzjonali jew jirċievi kontribuzzjoni finanzjarja minn dik l-organizzazzjoni internazzjonali għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt li jobbligah japplika r-regoli proċedurali speċifiċi relatati mal-akkwist pubbliku tal-organizzazzjoni internazzjonali.

L-Artikolu 11 jagħmilha ċara li l-Istati Membri ma jistgħux jużaw l-għoti tal-kuntratti permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali bl-għan li jevitaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Id-dipendenza fuq l-eċċezzjoni tal-Artikolu 12(c) tirrikjedi li l-Istat Membru li jkun jixtieq jiddependi fuqha għandu jkun kapaċi jiġġustifika tali deċiżjoni (jiġifieri li juri li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 12(c) huma ssodisfati).

## 5. IL-KONVERĠENZA TAL-KAPAĊITAJIET EŻISTENTI BEJN L-ISTATI

Ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva jkopru b'mod espliċitu sitwazzjonijiet fejn mill-inqas żewġ Stati Membri jistabbilixxu inizjattiva ta' kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża. Eżempju ta' tali dispożizzjoni huwa l-Artikolu 13(c), li jittratta programmi kooperattivi għall-iżvilupp ta' prodott ġdid ibbażat fuq ir-R&Ż li jsiru b'mod konġunt bejn mill-inqas żewġ Stati Membri (kif muri fit-Taqsima 3).

Jista' jkun hemm ukoll sitwazzjonijiet fejn id-deċiżjoni biex ikun hemm kooperazzjoni u jitnieda proċess ta' konverġenza fil-kapaċitajiet (eż. "ġbir komuni ta' riżorsi u kondiviżjoni") ma' Stati Membri oħra jew pajjiż terz tittieħed meta l-kapaċità militari inkwistjoni tkun diġà disponibbli f'dan l-Istat jew pajjiż.

### 5.1. Kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża stabbilita fi stadju aktar tard

L-istabbiliment ta' kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża jista' jirrikjedi x-xiri minn Stat Membru ta' kapaċità li diġà tkun fil-pussess ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz. Jekk ix-xiri jsir mill-istokk ta' dan l-Istat jew pajjiż ieħor, l-Artikolu 13(f) jipprevedi li d-Direttiva ma tapplikax għal dan ix-xiri. L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kuntratti bejn il-gvernijiet jispjega r-regoli u l-aħjar prattiki applikabbli f'tali sitwazzjoni ([21]).

### 5.2. Proċedura nnegozjata mingħajr il-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt L-Artikolu 28(1)(e)

Minbarra x-xiri bejn il-gvernijiet, huwa possibbli wkoll li jsir xiri direttament mill-produttur tat-tagħmir inkwistjoni. L-Artikolu 28(1)(e) tad-Direttiva jistipula li l-awtoritajiet/l-entitajiet kontraenti jistgħu jagħtu kuntratti għal xogħlijiet, provvisti u servizzi permezz ta' proċedura negozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt "meta, minħabba raġunijiet tekniċi jew relatati mal-protezzjoni ta' drittijiet ta' esklussività, il-kuntratt jista' jingħata biss lil operatur ekonomiku ddeterminat".

L-użu ta' din il-proċedura jeħtieġ li jiġi ġġustifikat fl-avviż tal-għoti tal-kuntratt, kif jitlob l-Artikolu 30(3) tad-Direttiva ([22]).

Il-Premessa 52 tad-Direttiva tinkludi aktar spjegazzjonijiet relatati mal-Artikolu 28(1)(e) tad-Direttiva u eżempji ta' sitwazzjonijiet li fihom il-kuntratt jista' jingħata biss lil operatur ekonomiku speċifiku. Din il-Premessa tistipula li: "jista' jkun il-każ għal ċertu xiri li huwa inkluż fl-ambitu ta' din id-Direttiva, operatur ekonomiku wieħed biss ikun jista' jeżegwixxi l-kuntratt, għax ikollu drittijiet esklussivi jew minħabba raġunijiet tekniċi. F'dawn il-każijiet l-awtorità/entità kontraenti għandha titħalla tidħol f'kuntratti jew fi ftehim qafas direttament ma' dak l-operatur ekonomiku. Madankollu, raġunijiet tekniċi li jispjegaw għalfejn operatur ekonomiku wieħed biss jista' jeżegwixxi l-kuntratt għandhom jiġu ddefiniti u ġġustifikati rigorożament skont il-każ. Jistgħu jinkludu, pereżempju, imprattikabbiltà teknika stretta għal kandidat li mhux l-operatur ekonomiku magħżul biex jilħaq l-għanijiet meħtieġa, jew in-neċessità li jintużaw għerf, għodda jew metodi speċifiċi li operatur wieħed biss għandu għad-dispożizzjoni tiegħu. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, biex tagħmir partikolarment kumpless jiġi mmodifikat jew isir konformi b'mod retroattiv. Raġunijiet tekniċi jistgħu jirriżultaw ukoll minn rekwiżiti speċifiċi ta' interoperabbiltà jew sikurezza, li jridu jiġu ssodisfatti sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-forzi armati jew tal-forzi tas-sigurtà."

([21]) Avviż tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2016— Gwida dwar l-għoti ta' kuntratti bejn il-gvernijiet fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà (l-Artikolu 13(f) tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), C(2016) 7727 final (ĠU C 450, 2.12.2016, p. 1).

([22]) L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti li taw kuntratt jew ikkonkludew ftehim qafas, għandhom jibagħtu avviż dwar ir-riżultati tal-proċedura tal-għoti sa mhux aktar tard minn 48 jum wara l-għoti tal-kuntratt jew il-konklużjoni tal-ftehim qafas.
Fil-każ ta' strumenti ta' ftehim qafas konklużi konformement mal-Artikolu 29, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti m'għandhomx ikunu obbligati li jibagħtu avviż dwar ir-riżultati tal-għoti ta' kull kuntratt ibbażat fuq dak il-ftehim.
Ċerta informazzjoni dwar l-għoti tal-kuntratt jew il-konklużjoni tal-ftehim qafas tista' ma tkunx ippubblikata fil-każ fejn l-iżvelar ta' tali informazzjoni jista' jkun ta' ostaklu għall-applikazzjoni tal-liġijiet, imur kontra l-interess pubbliku, b'mod partikolari l-interessi ta' difiża u/jew sigurtà, jew ikun ta' ħsara għall-interessi kummerċjali leġittimi ta' operaturi ekonomiċi pubbliċi jew privati, jew jista' tagħmel ħsara lill-kompetizzjoni ġusta bejniethom.

Minħabba l-fatt li x-xiri jsir abbażi tal-Artikolu 28(1)(e) tad-Direttiva, l-għoti tal-kuntratt mill-Istat Membru li jagħmel ix-xiri se jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-proċeduri ta' rieżami (l-Artikolu 55 *et seq*.). Barra minn hekk, f'kull sitwazzjoni, il-preżenza ta' raġunijiet tekniċi li jipprekludu l-pubblikazzjoni tal-avviż tal-kuntratt għandha tkun spjegata tajjeb u ġġustifikata, filwaqt li għandu jitqies ukoll li l-applikabbiltà tal-eċċezzjoni għandha titqies fuq bażi ta' każ b'każ u għandha tiġi interpretata b'mod strett.

F'sitwazzjonijiet ta' kooperazzjoni bejn l-Istati fis-settur tad-difiża, meta Stat Membru jixtri (direttament mill-produttur) kapaċità ta' difiża li tkun diġà fil-pussess ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz li jieħu sehem fil-kooperazzjoni, "raġunijiet tekniċi" skont it-tifsira tal-Artikolu 28(1)(e) jistgħu, pereżempju, iseħħu jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

— Tiġi stabbilita inizjattiva ta' kooperazzjoni ġenwina fil-qasam tad-difiża (eż. "ġbir komuni ta' riżorsi u kondiviżjoni", manutenzjoni konġunta u appoġġ fis-servizz, jew operazzjoni konġunta) minn ftehim jew arranġament internazzjonali bejn l-Istat Membru li jagħmel ix-xiri u Stati Membri oħra jew pajjiżi terzi;

— Dan isir qabel id-definizzjoni tal-istrateġija ta' akkwist mill-Istat Membru li jagħmel ix-xiri;

— Wara li jivvaluta jekk prodotti/tagħmir simili fis-suq jagħmluhiex possibbli li tiġi implimentata l-inizjattiva ta' kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża, l-Istat Membru li jagħmel ix-xiri jiġġustifika li l-akkwist tat-tagħmir li huwa l-istess bħal dak li diġà huwa disponibbli fl-Istat Membru l-ieħor jew f'pajjiż terz huwa l-uniku wieħed li jippermetti li tiġi implimentata l-inizjattiva ta' kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża. Din il-valutazzjoni tista', pereżempju, tieħu l-forma ta' analiżi tas-suq prevista fil-Kapitolu 3 tal-Avviż tal-Kummissjoni li jipprovdi gwida dwar l-għoti ta' kuntratti bejn il-gvernijiet fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà (l-Artikolu 13.f tad-Direttiva 2009/81/KE).

Ir-"raġunijiet" t'hawn fuq għall-użu tal-Artikolu 28(1)(e) ma japplikawx għall-akkwist oriġinali tal-Istat Membru li jkun akkwista l-ewwel il-kapaċità inkwistjoni.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.9340 — Alliance Automotive Group/Parts Point Group)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 157/02)

Fid-29 ta' April 2019, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32019M9340. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**Is-7 ta' Mejju 2019**

(2019/C 157/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,1185 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5065 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 123,73 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,7781 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4657 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6957 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,85645 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5242 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,7145 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 309,83 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,1415 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 16,1219 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 136,60 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,5710 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,7605 | HRK | Kuna Kroata | 7,4100 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 972,18 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,731 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,6401 |
| HUF | Forint Ungeriż | 324,30 | PHP | Peso Filippin | 58,108 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,2862 | RUB | Rouble Russu | 72,7907 |
| RON | Leu Rumen | 4,7580 | THB | Baht Tajlandiż | 35,680 |
| TRY | Lira Turka | 6,8751 | BRL | Real Brażiljan | 4,4383 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5944 | MXN | Peso Messikan | 21,2691 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 77,6400 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## In-noti ta' spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2019/C 157/04)

Skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]), in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ([2]) huma emendati kif ġej:

*F'paġna 211, jiddaħħlu n-noti ta' Spjegazzjoni li ġejjin għas-subintestaturi "4202 91 sa 4202 99 Oħrajn":*

"**4202 91 sa 4202 99** **Oħrajn**

Dawn is-subintestaturi jinkludu l-hekk imsejħa "cases għall-kitba" (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 4202, il-paragrafu 4, li tinkludi "il-cases għall-kitba" bħala eżempju ta' "kontenituri simili" koperti mit-tieni parti tal-intestatura 4202).

Il-cases għall-kitba huma tipikament rinfurzati u ddisinjati għal użu fit-tul. Normalment ikollhom but wieħed jew aktar u anelli fejn ikunu jistgħu jiddaħħlu notepad, karti, materjal u provvisti oħra tal-kitba eċċ.

Il-cases għall-kitba jistgħu jingħalqu b'żipp mad-dawra kollha jew inkella permezz ta' faxxa tal-lastiku, bokkla jew kopertura b'qafla awtomatika. Madankollu l-preżenza u t-tip ta' qafla mhijiex kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tal-cases għall-kitba taħt l-intestatura 4202. Il-cases għall-kitba mingħajr qafla jridu wkoll jiġu kklassifikati taħt din l-intestatura.

Eżempji ta' cases għall-kitba tas-subintestaturi 4202 91 sa 4202 99 qed jintwerew hawn taħt:

Stampa 1



Stampa 2



Stampa 3



"

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

([2]) ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Il-Każ M.9364 — Stoa/InfraVia II Invest/SBI Crypto Investment/Tiger Infrastructure Europe/Etix Group)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 157/05)

1. Fis-26 ta' April 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Stoa S.A. ("Stoa", Franza), ikkontrollata minn Caisse des Dépôts et Consignations ("CDC", Franza),

— InfraVia II Invest S.A. ("InfraVia", il-Lussemburgu), ikkontrollata minn InfraVia Capital Partners SAS ("InfraVia Capital Partners", Franza),

— SBI Crypto Investment Co. Ltd. ("SBI", il-Ġappun), ikkontrollata minn SBI Holdings, Inc. (il-Ġappun),

— Tiger Infrastructure Europe S.a.r.l. ("Tiger", il-Lussemburgu), ikkontrollata minn Tiger Infrastructure Partners Fund LP (l-Istati Uniti),

— Etix Group S.A. ("Etix", il-Lussemburgu).

Stao, IngraVia, SBI u Tiger jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tat-totalità ta' Etix.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Stoa: kumpanija tal-investiment,

— għal Etix: il-provvista ta' servizzi ta' ċentri tad-*data* fl-Ewropa, l-Afrika, l-Amerika Latina u l-Ażja tax-Xlokk.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9364 — Stoa/InfraVia II Invest/SBI Crypto Investment/Tiger Infrastructure Europe/Etix Group

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 122964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.9375 — Clearlake/Insight/Appriss)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2019/C 157/06)

1. Fid-29 ta' April 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Clearlake Capital Group, L.P. ("Clearlake") (Stati Uniti tal-Amerka),

— Insight Venture Management LLC ("Insight") (Stati Uniti tal-Amerka),

— Appriss Holdings, Inc. ("Appriss") (Stati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn Alert Holdings Company, Inc. ("Alert") (Stati Uniti tal-Amerka).

Clearlake u Insight jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Appriss.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Clearlake: ditta tal-investiment privat li s-setturi ewlenin fil-mira tagħha huma s-software u s-servizzi li jaħdmu bit-teknoloġija, tal-industrija u l-enerġija, u tal-konsumaturi,

— għal Insight: ditta ewlenija globali tal-kapital ta' riskju u tal-ekwità privata li tinvesti f'kumpaniji tat-teknoloġija u tas-softwer b'rata għolja ta' tkabbir,

— għal Appriss: fornitur ta' soluzzjonijiet ta' teknoloġija u analitika tad-data lil gvernijiet u kumpaniji fi tliet setturi differenti: is-sikurezza, is-saħħa, u l-bejgħ bl-imnut,

— għal Alert: kumpanija azzjonarja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9375 — Clearlake/Insight/Appriss

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT